MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2007

Appell Civili Numru. 2098/1998/1

**Angela u Michael mizzewgin Bonnici, Carmela u Emanuel mizzewgin Grixti u Catherine u Emanuel mizzewgin Camilleri**

**v.**

**Emanuela u John Mary mizzewgin Montebello**

**Il-Qorti:**
Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-atturi li in forza taghha wara li ppremettew illi:
"Peress illi l-istanti hallsu lill-konvenuta is-somma ta' elfejn, hames mija u sbatax-il lira u wiehed u ghoxrin

centezmu (Lm2,517.21) bhala prezz ta' art li din kellha tixtri ghan-nom taghhom;

"Peress illi l-istanti gew ingannati mill-konvenuta ghaliex l-art ma inxtratx ghalihom u dan il-pagament sar indebitament u mhux dovut;

"Peress illi il-konvenuti ghalkemm interpellanti ghar-restituzzjoni meta l-istanti indunaw bil-qerq naqsu li jhallsu lura din is-somma;

"Jghidu il-konvenuti ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti –

"1. prevja d-dikjarazzjoni illi l-atturi hallsu lill-konvenuta l-imsemmija somma b'qerq taghha u indebitament;

"2. tikkundanna lill-konvenuti li jhallsu lill-istanti is-somma ta' elfejn hames mija u sbatax-il lira u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm2,517.21); bl-imghax legali mid-data tal-hlas u bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-30 ta' Settembru 1998, kontra l-konvenuti li ghandhom jidhru ghas-subizzjoni."

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li in forza taghha eccepew illi:
"1. Illi l-esponenti ma esercitaw ebda qerq fil-konfront ta' l-atturi u kull xiri u bejgh ta' l-art sar wara informazzjoni u konsultazzjoni ma' l-atturi;

"2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi peress l-ammont pretiz mill-atturi mhux dovut lill-konvenuti;

"3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni hija ntiza biss biex tkun vessatorja fil-konfont tal-esponenti.

"4. B'riserva ghall-eccezzjonijiet ohra."

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta' Gunju 2004, li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi:

"previa rigett tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' t-talbiet attrici, u tikkundanna lill konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma mitluba ta' elfejn hames mija u sbatax il-lira maltin u wiehed u ghoxrin centezmu [Lm2,517.21], bl-imghax legali kif mitlub, u bl-ispejjez a kariku tal-konvenuti."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Illi l-atturi u huthom, fosthom il-konvenuta, kienu ftehmu li jqasmu, bejniethom l-ghaxra, bicca art f' Tad Dolliegha fiz-Zejtun li kienu wirtu minghand il-genituri taghhom. Peress li fuq zewg nahhat ta' din l-art ma kienx hemm access mit-triq, l-ahwa ftehmu li jixtru strixxa art, bejn l-art taghhom u t-triq, biex b' hekk jigwadanjaw access mit-triq u l-art tkun tista' tigi zviluppata.

"Illi qabel ma saret id-divizjoni, u prezisament "Qabel ittelghet il-polza ahna l-ahwa ftehmna li kull dhul u hrug ta' flus li kien hemm bzonn isir kellu jsir bejn kulhadd"[1] Sussegwentement saret id-divizjoni bil-polza kif miftiehem u lill-atturi messhom il-plots minn numri 11 sa 14 filwaqt li l-konvenuta u hutha messhom il-plots fuq in-naha l-ohra li jmissu ma strixxa ta' proprjeta' ta' l-ahwa Cassar.[2]

"Illi sussegwentement l-ahwa Cassar eventwalment accettaw li jibighu din l-istrixxa art u b' hekk il-plots li messu lil konvenuta u lil hutha, in-numri 15 sa 20 jiggwadanjaw access dirett mit-triq.

"Illi l-konvenuta nformat lil hutha kollha b' dan u dawn inkluzi l-atturi, fuq talba taghha u skond il-ftehim verbali li kien sar qabel id-divizjoni, tawha kull wiehed is-somma ta' Lm850 sehemhom ghall-akkwist ta' din l-art. Konsegwentement hija u hutha, li l-plots taghhom kienu jmissu mal-istrixxa art in kwsitjoni deheru fuq il-kuntratt li sar fis-17 ta' Lulju 1993[3], u dawn xtraw l-art u b' hekk gwadanjaw access dirett mit-triq; filwaqt li l-atturi, ghalkemm kienu hallsu sehemhom mill-prezz ma deherux fuq il-kuntratt u lanqas ma deher hadd ghan-nom

[1] Konvenuta – Affidavit fol.44
[2] Pjanta 34
[3] Dok.B fol.5

taghhom. Bir-rizultat li huma ma akkwistawx sehem mill-proprjeta' mixtrija, anke bi flushom.

"Illi sussegwentement il-konvenuta kienet baghtet ricevuta lil hutha tal-flus li kienet tat lil ahwa Cassar, izda, kif ammess minnha stess, lill-atturi ma kienitx baghtitilhom kopja tal-kuntratt peress li ma kienux talbuhulha.[4]

"Illi fis-sena 1998 meta hu l-atturi gie lura mill-Awstralia gibdilhom l-attenzjoni li isimhom ma kienx inkluz fil-kuntratt. B' hekk l-atturi saru jafu li huma ma kienux parti mill-akkwist li kien sar bl-imsemmi kuntratt, u nonostante, li kienu hargu sehemhom mill-prezz bhal huthom l-ohra, huma ma kellhomx sehem mill-proprjeta' tal-art. Sussegwentement fis-19 ta' Ottubru 1998 giet istitwita din il-kawza.

**"Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

"Illi jirrizulta pacifiku li l-atturi ma dehrux fuq il-kuntratt, kif ukoll li huma kienu hallsu kull wiehed is-somma ta' Lm850 sehemhom mill-prezz daqs huthom l-ohra.

"Illi l-punt ta' divergenza f' din il-kwistjoni huwa jekk il-konvenuta Emanuela Montebello kienitx inkarigata mill-atturi sabiex fuq il-kuntratt tidher ukoll ghan-nom taghhom. F' dan ir-rigward, filwaqt li l-atturi qed isostnu li huma kienu hallsu sehemhom mill-prezz bl-intendiment u bil-ftehim li l-konvenuta kellha tidher fuq il-kuntratt ghan-nom taghhom wkoll, il-konvenuta ssostni li, stante li l-istrixxa art li kienet ser tinxtara ma kienitx tmiss direttament mal-plots taghhom, huma ma kellhomx ghalfejn jidhru fuq il-kuntratt; u li l-hlas ta' sehmhom mill-prezz kien sar skond il-ftehim li kienu ghamlu qabel id-divizjoni.

"Il-konvenuta tkompli tipprova ssahhah il-versjoni taghha billi tirrileva fatt mhux kontestat li l-atturi kienu ghamlu uzu minn dan l-istess access sabiex jizviluppaw il-plots taghhom, u ghalhekk ma kienx minnu dak sostnut mill-atturi li dawna kienu hallsu l-flus u ma gwadanjaw xejn.

[4] Deposizzjoni konvenuta – Fol.115

"Illi in propositu din il-Qorti, wara ezami akkurat tal-provi, hija tal-fehma li l-verzjoni moghtija mill-atturi hija ferm aktar verosimili minn dik tal-konvenuta, u ghalhekk aktar attendibbli. Din il-Qorti ghandha diffikulta' kbira li taccetta bhala veritiera l-versjoni tal-konvenuta li, nonostante li l-atturi hallsu sehemhom mill-prezz daqs huthom l-ohra, dawna ma kienux tawha l-inkariku sabiex tidher ghan-nom taghhom fuq il-kuntratt. Il-Qorti tosserva li huwa accettabbli l-fatt li l-atturi ma dehrux personalment fuq il-kuntratt stante li kienet qeda tiehu hsieb kollox il-konvenuta u li l-prorjeta' li kienet ser tinxtara ma kienitx tmiss direttament mal-plots taghhom, izda huwa ferm inaccettabbli ghaliha l-versjoni li l-atturi kienu kuntenti li jhallsu sehemhom mill-prezz daqs huthom l-ohra u ma jxtru xejn!

"In vista tal-premess it-talbiet tal-atturi huma gustifikati u ghandhom jigu milqugha. Irrizulta mill-premess li l-flus li l-atturi kkonsenjaw lill-konvenuta ma kienux intuzaw ghall-iskop intiz u thallsu indebitament u ghalhekk ghandhom jigu ritornati lura.

"Illi in kwantu ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kwinkwennali bazata fuq id-dispost tal-artikolu 2156 tal-Kap.16 minghajr ma gie indikat is-sub inciz relattiv, din ma tistax treggi. Kif osservat din il-Qorti fil-kawza ***Donald Manche' noe vs Joseph Said*** [5]**:** "… tajjeb li qabel xejn jigi precizat illi l-eccepita preskrizzjoni mhix indikata b'mod sufficjentement car u specifiku. L-Artikolu tal-ligi li l-konvenut seta' kellu fil-*forma mentis* tieghu fih ben hames incizi distinti, li jipprospetta l-preskrizzjoni ta' azzjonijiet ghal kollox differenti wahda mill-ohra. Hemm, imbaghad, dak ritenut b'ligi fl-Artikolu 2111 tal-Kodici Civili li jghid li "il-Qorti ma tistax *ex officio* taghti effett ghall-preskrizzjoni, jekk din ma tigix eccepita mill-parti interessata." Li jfisser li l-Qorti ma tistax tissupplixxi *ex officio* ghan-nuqqas tal-parti (***Vo. XXXVII P II p 630; Vol. XLI P I p 178****)* u ma ghandix ghalhekk tfittex biex tara hijiex applikabbli ghall-kaz xi preskrizzjoni

[5] [PS] deciza 28 Mejju 2003

partikolari li ma tkunx indikata b'mod car u esplicitu minn min jinvokaha *(**Vol. XXXIII P I p 481; "Joseph Grech -vs- Emmanuele Camilleri et"**, Appell Kummercjali, 21 ta' Marzu 1977*."

Rat ir-rikors ta' l-appell tal-konvenuti;

Rat ir-risposta ta' l-atturi appellati;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza huma ben esposti fis-sentenza ta' l-ewwel Qorti, u ma hemmx ghalfejn li din il-Qorti toqghod terga' telenka c-cirkostanzi li waslu ghall-istituzzjoni ta' din il-kawza. Li jista' jinghad fi ftit kliem hu li l-partijiet fil-kawza huma <u>whud mill-ahwa</u> Desira li lkoll kienu ftehmu li jixtru bejniethom bicca art, li kienet tigi bejn bicca art li kienu wirtu minghand il-genituri taghhom u triq pubblika, sabiex l-art li kienu wirtu jkollha access ghat-triq. Dan il-ftehim kien wiehed verbali, u peress li kienet il-konvenuta li kienet qed tiehu hsieb l-akkwist ta' dik il-feles art, l-atturi ghaddewla kull wiehed is-somma ta' Lm850 bhala sehemhom ghall-akkwist ta' din l-art. Il-kuntratt ta' l-akkwist tal-bicca art gie ppubblikat fis-17 ta' Lulju 1993, u peress li isem l-atturi ma jidhirx fuq il-kuntratt ta' l-akkwist, qed jghidu li gew ingannati mill-konvenuta u qed jitolbu flushom lura.

L-ewwel Qorti kienet accettat it-tezi ta' l-atturi fis-sens li ladarba huma ma dehrux bhala akkwirenti fuq l-att ta' bejgh, ma akkwistaw xejn u ghandhom jiehdu flushom lura. Il-konvenuti appellaw minn dik is-sentenza, bl-aggravju principali taghhom ikun li ladarba gie accettat li kien sar ftehim li l-bicca art tinxtara bis-sehem ta' l-ahwa kollha, u hekk fil-fatt sar, tant li dik l-istrixxa art serviet sabiex issir triq privata li minnha qed igawdu l-ahwa kollha, m'hemmx lok ghar-rifuzjoni tal-flus moghtija biex iservu bhala parti mill-prezz ta' l-akkwist.

Din il-Qorti tara li, sa certu punt, iz-zewg partijiet ghandhom ragun fis-sottomissjonijiet taghhom, pero`, sfortunatament idderigew l-ilmenti taghhom lejn soluzzjoni inattendibbli. Ladarba jirrizulta pruvat li bejn l-ahwa kien sar ftehim li dik l-istrixxa art tinxtara bejniethom b'ishma indaqs (u dan il-ftehim jirrizulta mhux biss mill-provi mismugha f'din il-kawza, izda wkoll mill-provi migjuba fil-kawza li Charles Desira, iehor mill-ahwa, kien fetah kontra l-konvenuta ghar-refuzjoni ta' sehemu, citazzjoni numru 1917/98), u la darba dik l-istess strixxa art inxtrat skond il-ftehim, il-fatt li mhux l-ahwa kollha gew indikati bhala xerrejja fuq l-att, ma jfissirx li l-ftehim ma giex attwat, izda jfisser biss li jrid isir att iehor biex l-ahwa li ma dehrux fuq il-kuntratt originali, jinghatalhom formalment sehemhom ta' l-art li ghaliha halsu.

Hu veru li l-konvenuta ghamlet hazin li ma indikatx lil hutha kollha bhala xerrejja ta' dik il-bicca art, pero`, ir-rimedju ghal dan mhux li dak li jkun imur lura mill-ftehim milhuq, izda li jitlob li l-att ta' bejgh jirrispekkja l-ftehim. Meta l-konvenuta xtrat l-art bil-kuntratt ta' Lulju 1993, hija kienet qed taghti effett ghall-ftehim milhuq bejn l-ahwa; l-ahwa l-ohra li isimhom ma jidhirx fuq il-kuntratt ma jistghux japprofittaw ruhhom minn dan in-nuqqas billi jippruvaw johorgu mill-ftehim u jitolbu flushom lura. Il-konvenuta giet moghtija inkarigu sabiex tixtri l-feles art ghan-nom ta' awha. Hija wzat il-flus li tawha hutha biex xtrat l-art in kwistjoni, u ghalkemm ghamlet hazin li ma rregistratx li qed tixtri l-art f'isimha proprio u f'isem hutha kollha, mhux lok li l-ahwa li isimhom ma jidhirx fuq l-att jiehdu l-flus lura, izda li l-konvenuta titrasferixxi ghal fuq hutha l-ohra (li isimhom ma jidhirx fuq il-kuntratt ta' Lulju 1993), sehem indiviz ta' l-istess art.

Illi skond kif insibu fid-"Diritto Privato" (5$^{th}$ Ed) ta' Francesco Galgano il-mandat huwa "*contratto con il quale una parte, il mandatario, si obbliga nei confronti dell'altra, il mandante, a compiere uno o piu` atti giuridici per conto di quest'ultima (art. 1703)*".

Illi skond l-Artikolu 1857(2) tal-Kodici Civili, il-mandat jista’ jinghata b’att pubbliku, b’kitba privata, b’ittra jew bil-fomm, jew ukoll tacitament. Illi kif intqal fis-sentenza **Carmela Farrugia v. Giuseppe Farrugia**, deciza minn din il-Qorti fl-20 ta’ Novembru, 1953:
“*L-unika limitazzjoni li taghmel il-ligi f’materja ta’ mandat tirrigwarda s-setgha sabiex isiru trasferimenti ta’ beni minbarra dawk it-trasferimenti li jaqghu fil-limiti ta’ l-amministrazzjoni jew sabiex isiru ipoteki fuq beni, jew sabiex isiru attijiet ohra ta’ proprjeta`, li trid tkun espressa;*

*“Ghalhekk ma jidhrix li hija rikjesta ebda formalita`; u f’dan is-sens hija l-gurisprudenza kostanti tal-Qrati Taghna. ‘Sifatto mandato … … non occorreva che fosse in iscritto per essere valido, sebbene fosse inteso per l’acquisto di immobili, nessuna limitazione in tale senso contenendosi nella nostra legge’ (sent. App. 24 ta’ April, 1931 in re S. Galea vs. Paolo Gauci noe, Vol. XXVIII.I.60; Prim’Awla 13 ta’ Jannar, 1947 in re V. Vella vs Angela Vella; Prim’Awla 11 ta’ Jannar, 1950 Rizzo Bamber vs Rizzo*).”

Illi infatti f’**Richard Rizzo Bamber noe v. Giuseppina Rizzo noe et**, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-11 ta’ Jannar 1950, il-Qorti sostniet:-
*“Jinghad ukoll li ma ghandhomx jigu konfuzi l-formalitajiet li l-ligi tassativament tordna ghax-xiri ta’ l-immobbli, u li huma dettati sabiex jiggarantixxu l-validita` taghhom fir-rapporti bejn bejjiegh u xerrej u di fronti ghat-terzi , mal-ftehim u rapporti li jkun jezistu bejn mandanti u mandatarju. Skond l-ispirtu u l-iskop tal-ligi, fit-trasferiment ta’ l-immobbli dak li ghandu, taht piena ta’ nullita`, jirrizulta mill-att pubbliku jew mill-miktub, huwa rispettivament il-kuntratt tat-trasferiment jew il-promessa tal-bejgh u cioe` l-att bejn il-mandatarju, jew il-pretiz kumpratur, u t-terza persuna li tkun il-venditur; mentri l-mandat fl-ettetti tieghu limitati bejn il-mandanti u l-mandatarju jista’ jigi dejjem dimostrat u pruvat skond in-normi dettati ghall-prova ta’ l-obbligazzjonijiet in generali. Din hija l-konsegwenza legittima u natural ta’ l-art 1959 u 1965 tal-Kodici Civili, Kap. 23 ta’ l-Edizzjoni Riveduta; minn fejn jidher, kif intqal fuq, li l-mandat jista’ jkun*

*espress jew tacitu, u ghandu jkun dejjem espress fil-kazi msemmija taht it-tieni artikolu fuq citat, u li huma attijiet li jsiru barra mill-ordinarja amministrazzjoni. B'dana kollu, mandat "exprissis" ma jfissirx ta' bilfors mandat bil-miktub, u jista' ugwalment jigi stabbilit u pruvat b'mezzi ohra li huma permessi mil-ligi";*

Illi fis-sistema legali taghna nsibu wkoll dak li jissejjah il-mandatarju *prestanome* – kif qed jigi allegat li kienet il-funzjoni tal-konvenuta. Fis-sentenza **Profs. Anthony J. Mamo noe v. Nobbli Charles Sant Fournier noe**, deciza minn din il-Qorti fit-2 ta' Mejju 1957, dan gie deskritt hekk:-
*"Illi l-mandatarju prestanom huwa dak li apparentement jezercita drittijiet tal-proprjetarju, mentri fir-realta` mhux hlief il-mandatarju. Meta huwa, f'din il-kwalita` ta' mandatarju prestanom, jakkwista l-proprjeta` tal-haga immobbli, ikun hemm att pubbliku li bih tigi lilu trasferita l-proprjeta` tal-haga, u konvezjoni segreta fis-sens li huwa, pretiz akkwirent, mhux hlief mandatarju. Ghar-rigward tat-terzi jibqa' l-principju illi, rispett ghal dawn, il-konvenzjonijiet segreti li jidderogaw ghall-konvenzjoni palezi, ma jipproducu l-ebda effett. Imma bejn il-mandant u l-mandatarju prestanom il-konvenzjoni vera tipprevalixxi ghall-konvenzjoni apparenti, u d-drittijiet u l-obbligi tal-mandatarju prestanom jigu retti mil-ligi tal-mandat, u l-hwejjeg minnu akkwistati jappartjenu kwindi lill-mandant."*

Fis-sentenza *supra citata ta'* **Carmela Farrugia v. Giuseppe Farrugia** jirrizulta car li l-Qorti ghandha tinvestiga dwar x'kienet l-intenzjoni tal-mandatarju li jakkwista f'ismu proprju meta xtara u infatti l-Qorti qalet hekk:-
*"Gie deciz, infatti, illi 'il mero fatto di avere il mandatario stipulato l'acquisto di una cosa mobile o immobile in nome proprio, anziche` in quello del mandante, non impedisce che il dominio della cosa stessa passi direttamente dal venditore nel mandante, quando e` provata l'esistenza del madnato e non e` messo in dubbio che il mandatario, nel fare l'acquisto, ebbe di mira di eseguire il mandato" (C. Roma 4 Marzu 1882, Conti C. Felici, riportata fil-Fadda Vol. IX. pag 738, no. 69);*

*Izda, apparti dan l-fatt, l-opinjoni kuntrarja hija sostnuta minn diversi awturi ohra. Dawn ipartu mill-principju illi l-kuntratti ghandhom jigu ezegwiti in buona fede, u jsostnu li, ghalkemm lill-mandant ma jikkompeti ebda dritt reali fuq il-fond akkwistat mill-mandatarju bis-sahha tal-mandat, pure jirrikonoxxu fil-mandat l-azzjoni personali <mandati directi> kontra l-mandatarju, sakemm il-fond jibqa' fil-poter tal-mandatarju, sabiex jikkonsenjalu l-fond akkwistat. Din it-teorija hija suffragata mill-awtorita` tal-Pothier (Mandato, Lib.II,sez.III, para, 2, no. 59). ‘Se io ho incaricato taluno di comperarmi una certa cosa, il mandatario che si e` incaricato del mio mandato, e che ha comperato, e che si e` fatto consignare la cosa, deve restituirmela, ancorche` ne avesse fatto l'acquisto in suo nome'. L-istess haga jghid Laurent, Principi di Diritto Civili, Tomo XXVIII,para.61:- ‘… il mandatario, sebbene tratti in nome proprio, rimane obbligato verso il mandante, ammenocche` non abbia rinunziato il mandato. Sinche` il mandato sussiste, il mandatario e` tenuto ad esiguirlo; dunque quando tratta con un terzo, quantunque in nome proprio, si presumu che, rispetto al mandante, egli abbia trattata nell'interesse di questo, e che abbia fatto la cosa di cui era incaricato' u l-Baudry Lacantinerie, Del Mandato, para. 608:- ‘Se il mandatario ha contrattato in nome proprio, egli deve surrogare il mandante nei diritti acquisiti' (v. pure Chironi, Diritto Civili, Studi, Vol. III, pag. 149);*

*Fl-istess sens gie deciz mill-Qorti ta' l-Appell ta' Milano fit-30 ta' Dicembru 1869, Ricci XXI.2.1630, riportata fl-imsemmi sentenza **“Galea v. Gauci”**, mill-C. Torino fit-13 ta' Marzu 1885, Airaldi c. Robert, Annali 1885, 213, riportata fil-Fadda, Vol.IX, pag, 738 no. 63, u A. Calabrie 23 ta' Gunju 1871, Pisani v. Colerno, Fadda, ibidem 83;*

*Din ukoll tidher li kienet il-fehma tal-Qorti ta' l-Appell fil-kawza citata **“Galea v. Gauci”**.”* (sottolinear ta' din il-Qorti)

Fis-sentenza **Richard Rizzo Bamber noe v. Giuseppina Rizzo noe et**, gie deciz li meta l-mandatarju ta' l-attur xtara l-fond fl-isem tieghu proprju u b'mandat, l-attur –

cioe` l-mandant – ma akkwistax ebda dritt reali fuq dak il-fond b'mod li jista' jirrivendikah, imma ghandu l-azzjoni personali *'mandati directa'* kontra l-mandatarju u s-successuri tieghu u aventi kawza minnu, biex jigi lilu trasferit dak l-immobbli u sakemm l-immobbli jkun ghadu fil-pussess tal-mandatarju, u ma jkunx gie trasferit lil terza persuna; ma jistax il-mandatarju jirrifjuta dak it-trasferiment billi jippretendi li minflok kellu jigi azzjonati mill-mandanti ghad-danni u interessi.

Illi fuq l-istess linja kienet id-decizjoni f'**Carmelo Farrugia v. Giuseppe Farrugia**, (*supra*) fejn din il-Qorti sostniet:-
*"Illi l-kwistjoni sollevata mill-appellant, fis-sens li l-mandatarju inadempjenti, li jesegwixxi l-mandat f'ismu u fl-interess tieghu, ma jistax jigi kostrett ghall-ezekuzzjoni specifika ta' l-obbligu tieghu, imma biss ghar-rizarciment tad-danni, giet diversi drabi ezaminata u rizoluta minn dawn il-Qrati (ara sentenzi fuq citati ta' din il-Qorti in re "Galea vs Gauci", 24 ta' April 1931, u in re "Calleja vs Deguara", 10 ta' Ottubru 1930; u Prim'Awla in re "Meli vs Meli", 25 ta' Mejju 1927, u in re "Briguglio vs Parnis", 20 ta' Dicembru, 1928), fis-sens li, meta l-mandatarju jesegwixi l-inkarigu li jkun ircieva, u hekk jakkwista fond f'ismu, izda fl-interess tal-mandant, huwa jista' jigi kostrett ghall-ezekuzzjoni specifika, u kwindi ghat-trasferiment tal-fond lill-mandant. Din it-teorija hi avvalorata mill-Baudry-Lacantinerie (Del Mandato, no. 890), mill-Pothier (Mandato, Capo II, sez. III, par. 2, no. 59), mil-Laurent (Principi di Diritto Civile, Vol. XXVIII, par. 60 e 61), u mill-Pacifici Mazzoni (Diritto Civile, 1921, Vol. V, parte II, pag. 297)";*

Fis-sentenza **Profs. Anthony J. Mamo O.B.E. noe v. Nobbli Charles Sant Fournier noe,** aktar qabel kwotata, kien hemm il-figura tal-mandatarju *prestanome* u kienet saret dikjarazzjoni bejn il-mandant u l-mandatarju li ghalkemm dan ta' l-ahhar deher f'ismu proprju fuq il-kuntratt huwa kien fil-fatt qed jidher ghal ditta. L-ewwel Qorti kienet qalet illi:-
*"…. jista' wiehed jixtri, jew jakkwista bi kwalunkwe titolu li jkun, fond fl-interess ta' haddiehor bis-sahha ta' mandat li dik il-persuna l-ohra tkun taghtu ghal dan l-iskop; liema*

*mandat ma ghandux bzonn jinghata bil-miktub, avvolja jkollu bhala effett tieghu l-akkwist ta' mmobbli. F'kaz bhal dan, il-fondi akkwistati mill-mandatarju jsiru tal-mandant minn dak il-mument stess tal-kuntratt, avvolja l-mandatarju jkun ghamel l-akkwist tal-fondi f'ismu proprju, u fl-att ma jkun issemma' xejn li l-fondi kienu qeghdin jinxtraw fl-interess tal-mandant (Kollezz. Vol. XXXVII.I.350).*

*xxx omissis xxx*

*"Illi pero`, f'kaz bhal dan li ssemma', il-prestanome li jkun gie verbalment kostitwit mandatarju hu fl-obbligu li jaddivjeni ghall-formalita` ta' l-att pubbliku biex minnu jirrizulta di fronti ghat-terzi li dak l-akkwist, apparentement maghmul mill-mandatarju f'ismu proprju, kien fir-realta` gie maghmul ghall-mandant tieghu; u jekk il-mandatarju ma jottemperax ruhu ghal dan l-obbligu, huwa jista' jigi kostrett mill-mandant ghall-ezekuzzjoni specifika ta' dak l-obbligu tieghu li jittrasferixxi lill-mandant il-fondi akkwistati f'ismu proprju (Vol.XXVIII-I-60; Vol. XXXVII-I-350)."*

Il-principju kien gie konfermat minn din il-Qorti.

Meta dan l-insenjament jigi applikat ghall-provi prodotti, jirrizulta bla ebda dubju li in verita` bejn l-atturi u l-konvenuti kien hemm ftehim li permezz tieghu l-istess konvenuta kienet qed tagixxi fuq il-kuntratt bhala mandatarja ta' l-atturi u hutha l-ohra, u allura jsegwi li meta hija dehret fuq il-kuntratt datat 17 ta' Lulju 1993, hi kienet qed tagixxi ta' mandatarja *prestanome*. Il-konvenuta, fil-fatt, qatt ma cahdet dan. Dak li issa ghandu jsir hu li l-ahwa jersqu ghall-pubblikazzjoni ta' kuntratt iehor biex is-sitwazzjoni tigi regolarizzata.

L-ewwel Qorti kienet ordnat li l-atturi jiehdu flushom lura peress li, skond hi, mhux verosimili li dawn "ihallsu sehemhom mill-prezz daqs huthom l-ohra u ma jixtru xejn". Fil-verita`, pero, l-atturi xtraw sehem indiviz mill-art u kwindi m'ghandhomx dritt jiehdu flushom lura. Ir-rimedju minnhom mitlub huwa wiehed hazin, ghax ladarba jirrizulta li l-konvenuta wettqet l-inkarigu lilha moghti

(ghalkemm b'mod difettuz), huma marbuta li jesegwixxu l-obbligazzjonijiet li hi kkuntrattat ghan-nom taghhom, izda ghandhom dritt jirrangaw id-"difett" billi jitolbu li huma wkoll, f'ghajnejn it-terzi, jidhru bhala ko-proprjetarji ta' l-istess art.  Dan id-dritt hu rizervat ghall-atturi *si et quatenus*.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-konvenuti billi tilqa' l-istess, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata moghtija mill-ewwel Qorti fl-4 ta' Gunju 2004, u konsegwentement tichad it-talbiet ta' l-atturi.

Peress li z-zewg partijiet wrew nuqqasijiet, il-Qorti tordna li l-ispejjez kollha tal-kawza, inkluzi dawk ta' prim istanza, jithallsu nofs mill-atturi solidament bejniethom u nofs mill-konvenuti solidament bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------